

Brussell, 3 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11134/26

ECOFIN 924
UEM 328
SOC 453
EMPL 255
COMPET 868
ENV 844
EDUC 310
ENER 466
JAI 904
GENDER 141
JEUN 184
SAN 542
ECB
EIB

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjegi, strutturali u baġitarja tal-Portugall

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill u ffinalizzat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2026) 222 final.

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politika ekonomika, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarja tal-Portugall

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L, 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 jispeċifika l-oġġettivi tal-qafas ta' governanza ekonomika, li għandu l-għan li jippromwovi finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, tkabbir sostenibbli u inklużiv u reżiljenza permezz ta' riformi u investimenti, kif ukoll li jevita defiċits eċċessivi tal-gvern. Ir-Regolament jistipula li l-Kunsill u l-Kummissjoni jwettqu sorveljanza multilaterali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew f'konformità mal-oġġettivi u r-rekwiżiti stipulati fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-Semestru Ewropew jinkludi, b'mod partikolari, il-formulazzjoni u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (2) Fil-25 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni adottat opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-2026 tal-Portugall. Fl-istess data, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2026, li fih ma identifika lill-Portugall bħala wieħed mill-Istati Membri li għalih ikun meħtieġ rieżami fil-fond. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni Ewropea, u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2026, li tanalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro² fil-21 ta' April 2026 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, u r-Rakkomandazzjoni dwar il-kapital uman fid-9 ta' Marzu 2026.
- (3) Fid-29 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppubblikat il-Boxxla għall-Kompetittività, qafas strateġiku li għandu l-għan li jagħti spinta lill-kompetittività globali tal-UE matul il-ħames snin li ġejjin. Din tidentifika t-tliet imperattivi trasformattivi tal-innovazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u s-sigurtà bħala pilastru kritiċi għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Minn mindu ġiet ippubblikata, il-Boxxla għall-Kompetittività informat il-ħidma tas-Semestru Ewropew, li jiżgura li l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri jkunu konsistenti mal-oġġettivi strateġiċi tal-UE, u li jinħoloq approċċ unifikat għall-governanza ekonomika li jrawwem it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni u r-reżiljenza madwar l-Unjoni.

² ĠU C, C/2026/2434, 28.4.2026, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2026/2434/oj>.

- (4) Fl-2026, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika jkompli jiżviluppa flimkien mal-istadju finali tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)³. Il-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs), flimkien mal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni, kienu essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, peress li l-pjanijiet kienu meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti maħruġa f'ċikli reċenti, u l-programmi ffinanzjati mill-politika ta' koeżjoni Ewropea kienu meħtieġa jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Hekk kif l-RRF toqrob lejn tmiem il-ħajja tagħha, jibqa' essenzjali li jiġu sostnuti u żviluppati r-riformi appoġġati u implimentati taħt l-RRF, b'mod partikolari dawk li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.
- (5) Fit-3 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2026 għall-Portugall. Dan evalwa l-progress li għamel il-Portugall fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2025 u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-RRP mill-Portugall. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika l-aktar sfidi urġenti li qed jiffaċċa l-Portugall. Il-Kummissjoni evalwat ukoll il-progress li għamel il-Portugall fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, kif ukoll il-progress biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

³ Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>).

- (6) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill, fuq il-valutazzjoni u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Portugall⁴. Il-pjan ikopri l-perjodu mill-2025 sal-2028 u jippreżenta aġġustament fiskali mifruq fuq erba' snin. Il-Kunsill irrakkomanda r-rati massimi ta' tkabbir li ġejjin tan-nefqa netta: 5,0 % fl-2025, 5,1 % fl-2026, 1,2 % fl-2027, u 3,3 % fl-2028, li jikkorrispondu għar-rati ta' tkabbir kumulattiv massimi kkalkulati b'referenza għas-sena bażi tal-2023 ta' 17,4 % fl-2025, 23,4 % fl-2026, 24,8 % fl-2027, u 28,9 % fl-2028.
- (7) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jitolbu l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir b'mod koordinat biex jappoġġaw l-isforzi tal-UE biex tikseb żieda rapida u sinifikanti fl-infiq fid-difiża⁵ u din il-proposta ntlaqgħet mill-Kunsill Ewropew tas-6 ta' Marzu 2025. Wara t-talba tal-Portugall, fit-8 ta' Lulju 2025 il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, adotta Rakkomandazzjoni li tippermetti lill-Portugall jiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati tan-nefqa netta⁶. Il-perjodu meta tiġi attivata l-klawżola liberatorja nazzjonali (2025-2028) jippermetti lill-Portugall jipprioritizza mill-ġdid in-nefqa tal-gvern jew iżid id-dħul tal-gvern sabiex in-nefqa għad-difiża li tkun oġhla b'mod dejjiemi ma tipperikolax is-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju.

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju tal-Portugall (ĠU C, C/2025/641, 21 ta' Jannar 2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/641/oj>).

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Nakkomodaw żieda fin-nefqa fid-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir", Brussell, 19 ta' Marzu 2025, C(2025) 2000 final.

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2025 li tippermetti lill-Portugall jiddevja mir-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta kif stabbiliti mill-Kunsill skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 (l-Attivazzjoni tal-klawżola liberatorja nazzjonali), (ĠU C, C/2025/3972, 20.08.2025, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2025/3972/oj>).

- (8) Fit-30 ta' April, il-Portugall ippreżenta r-Rapport ta' Progress Annwali tiegħu tal-2026⁷ dwar l-aderenza mar-rati massimi ta' tkabbir tan-nefqa netta rakkomandati u l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti li jirrispondu għall-isfidi ewlenin identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tas-Semestru Ewropew. Ir-Rapport ta' Progress Annwali jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Portugall dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-pjan tiegħu għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (9) It-tkabbir tal-PDG reali fl-2025 kien ta' 1,9 % u l-inflazzjoni tal-HICP kienet ta' 2,2 %. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-PDG reali jikber bi 1,7 % fl-2026 u 1,8 % fl-2027, u l-inflazzjoni tal-HICP ser tkun ta' 3,0 % fl-2026 u 2,3 % fl-2027.
- (10) Fuq il-bażi tad-data pprovduta mill-Eurostat⁸, is-surplus tal-gvern estiż tal-Portugall żdied minn 0,6 % tal-PDG fl-2024 għal 0,7 % tal-PDG fl-2025. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa sad-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit ta' 0,1 % tal-PDG fl-2026 u defiċit ta' 0,4 % tal-PDG fl-2027. It-tnaqqis fl-2026 jirrifletti prinċipalment l-impatt tal-miżuri ta' appoġġ tal-gvern meħuda b'reazzjoni għall-maltempati li laqtu lill-Portugall f'Jannar u fi Frar, flimkien mal-impatt ta' aktar miżuri ta' politika fiskali li jiddeterjoraw il-bilanċ. Il-bidla tad-defiċit fl-2027 tirrifletti prinċipalment l-impatt ta' miżuri addizzjonali ta' politika fiskali li jiddeterjoraw il-bilanċ, inkluż pakkett ġdid dwar l-akkomodazzjoni u tnaqqis fit-taxxa korporattiva fuq l-introjtu.

⁷ Ir-Rapporti ta' Progress Annwali 2026 huma disponibbli hawn: https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-and-fiscal-governance/stability-and-growth-pact/preventive-arm/annual-progress-reports_en.

⁸ Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22 ta' April 2026.

- (11) Fuq il-bażi tal-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali⁹, li tinkludi n-nefqa ffinanzjata kemm nazzjonalment kif ukoll mill-UE, kienet newtrali b'mod ġenerali fl-2025. Hija projettata li tkun espansjonarja, b'1,6 % tal-PDG, fl-2026, u restrittiva, b'1.3 % tal-PDG, fl-2027.
- (12) Abbażi tad-data pprovduta mill-Eurostat¹⁰, id-dejn tal-gvern estiż tal-Portugall naqas minn 93,5 % tal-PDG fi tmiem l-2024 għal 89,7 % tal-PDG fi tmiem l-2025. It-tnaqqis fil-proporzjon tad-dejn fl-2025 jirrifletti prinċipalment surplus primarju u differenzjal bejn it-tkabbir u r-rata tal-imgħax favorevoli. Abbażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data limitu tat-tbassir, it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG jonqos għal 87,6 % sa tmiem l-2026 u li jibqa' jonqos aktar għal 86,0 % sa tmiem l-2027. It-tnaqqis fl-2026 u l-2027 jirrifletti prinċipalment is-surplus primarju persistenti mistenni u d-differenzjal bejn it-tkabbir u r-rata tal-imgħax favorevoli.
- (13) Abbażi tad-data tal-Eurostat¹¹, in-nefqa totali fid-difiża tal-gvern estiż fil-Portugall ammontat għal 0,8 % tal-PDG fl-2025. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, hija projettata li tkun fl-istess livell fl-2026. Dan jikkorrispondi għal żieda ta' 0,0 punti perċentwali tal-PDG meta mqabbel mas-sena ta' referenza 2021¹².

⁹ Il-pożizzjoni fiskali hija definita bħala kejl tal-bidla annwali fil-pożizzjoni baġitarja sottostanti tal-gvern estiż. Għandha l-għan li tivvaluta l-impuls ekonomiku li jirriżulta mill-politiki fiskali, kemm dawk li huma ffinanzjati fil-livell nazzjonali kif ukoll dawk li huma ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala d-differenza bejn (i) it-tkabbir potenzjali fuq perjodu medju ta' żmien u (ii) il-bidla fin-nefqa primarja netta mill-miżuri diskrezzjonali tad-dħul u inkluż in-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni.

¹⁰ Il-Eurostat-Indikaturi tal-Euro, 22 ta' Mejju 2026.

¹¹ Il-Eurostat, in-nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG).

¹² Id-definizzjoni tal-infiq fid-difiża tan-NATO hija differenti mid-definizzjoni tad-difiża tal-COFOG. Barra minn hekk, jista' jkun hemm differenzi minħabba ż-żmien tar-reġistrazzjoni tan-nefqa, b'mod partikolari t-tagħmir militari, peress li r-rappurtar tan-NATO ma jsegwix ir-regoli tal-kontijiet nazzjonali għaż-żmien tar-reġistrazzjoni.

- (14) L-Unjoni tkompli tiffaccà riskji ta' interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija u volatilità għolja tal-prezzijiet, aggravati minn tensjonijiet ġeopolitiċi li jaffettwaw is-swieq globali taż-żejt u tal-gass. L-esperjenza mill-kriżi tal-enerġija tal-2022–2023 uriet li miżuri wiesgħa u mhux immirati jinvolve kostijiet fiskali kbar u huma soċjalment u ekonomikament ineffiċjenti. Minn mindu faqqgħet il-gwerra fil-Lvant Nofsani fi Frar 2026, il-Portugall ma adottax miżuri ta' politika fiskali biex itaffi l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u d-ditti¹³. Dawn jinkludu tnaqqis mhux immirat fid-dazji tas-sisa fuq id-diżil u l-petrol mingħajr data ta' skadenza speċifika, aktar appoġġ immirat għas-setturi tat-trasport, tal-agrikoltura u tas-sajd kif ukoll trasferimenti mmirati lejn entitajiet tas-settur soċjali, kumpaniji tat-taxis u assoċjazzjonijiet tat-tifi tan-nar. Il-miżuri ta' appoġġ immirati mistennija jiskadu sat-30 ta' Ġunju 2026. Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, il-kost fiskali ta' dawn il-miżuri huwa pprojetat li jammonta għal 0,1 % tal-PDG fl-2026, anke jekk dawn il-miżuri kollha kellhom jiġu estiżi sa tmiem l-2026.
- (15) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fil-Portugall kibret b'5,5 % fl-2025 u b'18,7 % b'mod kumulattiv matul l-2024 u l-2025. It-tkabbir fin-nefqa netta fl-2025 huwa oġġla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,2 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija oġġla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,4 % tal-PDG f'termini kumulattivi. Filwaqt li titqies il-flessibbiltà għal infiq oġġla fid-difiża previst mill-klawżola liberatorja nazzjonali, meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, id-devjazzjoni kumulattiva tan-nefqa netta tibqa' ta' 0,4 % tal-PDG. Fl-istess ħin, kif innutat, il-pożizzjoni baġitarja għall-2025 kienet f'surplus.

¹³ Dan jirrifletti s-sitwazzjoni fid-data limitu tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni (4 ta' Mejju 2026).

- (16) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni, in-nefqa netta fil-Portugall hija pprojetata li tikber b'5,6 % fl-2026 u b'25,2 % b'mod kumulattiv matul l-2024, l-2025 u l-2026. It-tkabbir ipprojetat fin-nefqa netta fl-2026 huwa oġġla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,2 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv projettata tan-nefqa netta hija wkoll oġġla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,6 % tal-PDG f'termini kumulattivi. Filwaqt li titqies il-flessibbiltà għal infiq oġġla fid-difiża previst mill-klawżola liberatorja nazzjonali, meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, id-devjazzjoni kumulattiva pprojetata tan-nefqa netta tibqa' ta' 0,6 % tal-PDG. Fl-istess ħin, kif innutat, il-pożizzjoni baġitarja għall-2026 hija pprojetata li tkun qrib il-bilanċ.
- (17) It-tixjiħ tal-popolazzjoni flimkien ma' tnaqqis imbassar fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol ipoġġi s-sostenibbiltà tal-iskema tal-pensjoni Ħallas Waqt Li Tkun Għaddej tal-Portugall taħt pressjoni fuq terminu medju. In-nefqa pubblika fuq il-pensjonijiet hija pprojetata li tiżdied aktar matul iż-żewġ deċennji li ġejjin, minn 12,8 % fl-2025 għal 15,1 % fl-2045¹⁴ u l-Portugall huwa pprojetat li jkollu t-tielet l-oġġla proporzjon tan-nefqa mal-PDG fil-pensjonijiet mill-Istati Membri kollha fl-2045, bin-nefqa pprojetata tas-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi tilħaq l-oġġla livell fl-2046. Fil-Portugall, l-età statutorja tal-irtirar hija marbuta mal-istennija tal-ġhomor, bil-ħsieb li tittejjeb is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet. Il-Portugall stabbilixxa wkoll grupp ta' ħidma bl-oġġettivi li jiddefinixxi strateġiji u jivvaluta proposti biex jiżgura s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet, inkluża l-valutazzjoni mill-ġdid tal-iskema ta' rtirar bikri u studju dwar mekkaniżmi ta' rtirar parzjali. Madankollu l-grupp ta' ħidma għad irid jippreżenta r-rapport tiegħu inkluż proposti ta' politika konkreti, u l-Portugall ma ħax il-miżuri strutturali addizzjonali meħtieġa biex tittaffa l-pressjoni fuq is-sistema tal-pensjonijiet pubbliċi tal-pajjiż. Barra minn hekk, l-iskemi tal-pensjoni supplimentari tal-Portugall għadhom sottożviluppati u jkopru biss frazzjoni tal-forza tax-xogħol. Dan idgħajjed ukoll il-potenzjal għall-Portugall li jimmobilizza tfaddil fit-tul għal investimenti produttivi.

¹⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, 2024 Ageing Report: Economic and Budgetary Projections for the EU Member States (2022-2070), Dokument Istituzzjonali 279, April 2024

- (18) In-nefquiet tat-taxxa huma mifruhin fis-sistema tat-taxxa Portugiża, bi kważi 800 nefqa tat-taxxa differenti f'diversi testi legali differenti. In-nefquiet tat-taxxa jistgħu jkunu għodda effettiva biex jintlaħqu objettivi speċifiċi ta' politika. Madankollu dawn jirriżultaw ukoll fi dħul mitluf, jikkontribwixxi għall-kumplessità tas-sistema tat-taxxa u jista' jkollhom implikazzjonijiet għall-inugwaljanza fl-introjt. Fil-kuntest tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Portugall ħa l-ewwel pass fl-indirizzar tal-għadd kbir ta' nefquiet tat-taxxa tiegħu billi stabbilixxa unità ġdida tal-politika tat-tassazzjoni permanenti (magħrufa bħala U-TAX) li għandha l-għan li timmonitorja u tevalwa n-nefquiet tat-taxxa. Madankollu, wara l-pubblikazzjoni tar-rapport ta' valutazzjoni tal-U-TAXs, l-azzjoni effettiva biex tiġi ssimplifikata n-nefqa tat-taxxa għadha limitata. Fl-2024, in-nefqa tat-taxxa waħidha fuq il-valur miżjud kienet tirrappreżenta 4,3 % tal-PDG. L-użu estensiv ta' rati mnaqqsa u intermedji tal-VAT għas-servizzi ta' ospitalità (akkomodazzjonijiet flukandi, ristoranti, u servizzi ta' catering) jista' jkun ta' benefiċċju sproporzjonat għall-unitajiet domestiċi b'introjt oġġla. Bosta inċentivi u eżenzjonijiet iżidu wkoll b'mod sinifikanti l-kumplessità tal-qafas tat-taxxa korporattiva fuq l-introjt. Il-Portugall jista' jtejjeb l-effettività tas-sistema tat-taxxa tiegħu billi jissimplifika l-infiq tat-taxxa, inkluż dak relatat mar-rati mnaqqsin u intermedji tat-taxxa fuq il-valur miżjud u fi ħdan it-taxxa korporattiva fuq l-introjt. Barra minn hekk, l-arretrati tat-taxxa pendenti tal-Portugall meta mqabbla mal-PDG għadhom uħud mill-oġġla fl-UE, minkejja tnaqqis kostanti mill-2021.
- (19) L-involviment sistematiku, sinifikattiv u f'waqtu tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' essenzjali sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

- (20) Fil-Portugall, l-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni, li jinkludu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), tibqa' taħt il-medja tal-UE, kemm f'termini tal-għażla tal-proġetti kif ukoll tal-pagamenti. Huwa importanti li jiżdiedu u jitħaffu l-isforzi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida tal-investimenti, filwaqt li jiġi massimizzat l-impatt tagħhom fil-prattika. Il-Portugall diġà qed jieħu azzjoni taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiegħu biex jagħti spinta lill-kompetittività u t-tkabbir. Madankollu, il-Portugall għadu qed jiffaċċa sfidi fl-implimentazzjoni, inkluż dawk relatati ma' dewmien fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku minħabba appelli, kapaċità teknika u amministrattiva limitata, dewmien fl-għoti ta' kuntratti ta' appoġġ bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-komunitajiet intermuniċipali responsabbli mill-istrumenti territorjali, proċeduri twal ta' liċenzjar industrijali u ta' ħruġ ta' permessi, nuqqas ta' ppjanar prevedibbli, u riżervi insuffiċjenti ta' proġetti maturi. Fl-istess ħin, il-Portugall jeħtieġ li jħaffef l-implimentazzjoni tal-JTF peress li r-riżorsi huma dovuti għall-iżborż sa tmiem l-2026. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-investimenti l-ġodda identifikati mill-Portugall fir-rieżami ta' nofs it-terminu tiegħu tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari dawk marbutin mal-ħames priyoritajiet identifikati fir-Regolament dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu¹⁵, jintużaw malajr u b'mod effettiv.
- (21) Il-Portugall qed jiffaċċa diversi sfidi relatati mas-simplifikazzjoni, l-ambjent tan-negozju, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-aċċess għall-finanzi u l-finanzjament tat-tkabbir, il-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet, it-trasport, l-enerġija rinnovabbli, l-infrastruttura u n-networks tal-enerġija, l-effiċjenza enerġetika, il-politika ambjentali, il-ġestjoni tar-riżorsi, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, il-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll l-akkomodazzjoni.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2025/1914 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2025 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1058 u (UE) 2021/1056 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi sabiex jiġu indirizzati sfidi strateġiċi fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu.

- (22) Minkejja l-progress li sar matul dawn l-aħħar snin, il-piżijiet amministrattivi u regulatorji jibqgħu restrizzjoni kbira għall-operat tan-negozji fil-Portugall. Dawn l-ostakli huma ta' piż fuq l-attrawenza tas-swieq Portugiżi, inaqqsu l-kompetizzjoni u jimminaw il-kapaċità tal-kumpaniji Portugiżi li jespandu, jinnovaw u jagħtu spinta lill-produttività tagħhom. B'mod partikolari, id-ditti jkomplu jirrapportaw proċeduri twal ta' ħruġ ta' liċenzji industrijali u ta' permessi, li huma jqisu bħala ostaklu ewlieni għall-investment. Minkejja xi progress li sar fit-tqassir u s-simplifikazzjoni ta' dawn il-proċessi, l-awtoritajiet lokali jiffaċċaw diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-proċeduri l-ġodda, u l-prattiki jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti bejn ir-reġjuni u l-muniċipalitajiet. Il-Portugall jista' jissimplifika u jtejjeb l-effettività tar-regolamentazzjoni tiegħu billi jagħmel użu usa' mill-evalwazzjonijiet tal-politika ex post kif ukoll isaħħa l-involvement tal-partijiet ikkonċernati u jżid it-trasparenza fit-tnejja tal-politiki pubbliċi. Il-ħlasijiet tard għadhom mifruxa, speċjalment fl-Azores, u fis-settur tal-kura tas-saħħa.
- (23) Id-ditti Portugiżi jiddependu b'mod predominanti fuq self bankarju u finanzjament intern. Sorsi oħra ta' finanzjament, bħal kapital ta' riskju u ta' ekwità, ġew adottati dejjem aktar matul dawn l-aħħar ftit snin iżda għadhom ferm inqas komuni milli fl-UE bħala medja u s-swieq kapitali Portugiżi għadhom sottożviluppati. L-awtoritajiet Portugiżi nedew u saħħew diversi inizjattivi, bħall-fond ta' kapitalizzazzjoni u reżiljenza ġestit mill-Banco Português de Fomento, programmi li jappoġġaw start-ups jew li jimmiraw lejn setturi speċifiċi, kif ukoll ir-rieżami reċenti tal-kodiċi tas-swieq kapitali. Madankollu, huwa meħtieġ aktar progress biex il-Portugall ilaħħaq mal-pari Ewropej u jattira aktar investituri u investimenti tal-ekwità privata, inkluż billi jsaħħa ir-rwol u l-kapaċità tal-investituri istituzzjonali u billi jiżviluppa skemi tal-pensjoni supplimentari, li jistgħu jipprovdu sors stabbli u sinifikanti ta' kapital fit-tul għas-segmenti tal-kapital ta' riskju u tal-ekwità privata. Dawn jistgħu jappoġġaw l-innovazzjoni, iżidu l-kapaċità tad-ditti lokali biex ikabbru u jespandu l-operat tagħhom, itejbu l-prattiki maniġerjali u jagħtu spinta lill-produttività. Il-litteriżmu finanzjarju fil-Portugall huwa dgħajef u fl-istħarriġ tal-litteriżmu finanzjarju tal-Ewrobarometru tal-2023 kienu biss 16 % tal-Portugiżi li rċevew punteġġ "għoli", it-tieni l-aħħar riżultat fl-UE. Il-Portugall implimenta diversi miżuri biex jindirizza dawn il-lakuni, fosthom l-inklużjoni tal-litteriżmu finanzjarju fil-kurrikuli tal-iskejjel. Madankollu, aktar sforzi biex jittejjeb il-litteriżmu finanzjarju jista' jippermetti allokazżjoni aktar effettiva tat-tfaddil u jista' jgħin biex il-kumpaniji jifhmu aħjar il-benefiċċji u r-riskji speċifiċi ta' kull strument ta' finanzjament disponibbli.

- (24) Is-sistema ġudizzjarja qed issir aktar effiċjenti iżda qed tkompli tiffaċċja sfidi bi proċedimenti twal u b'akkumulu mdaqqas ta' kawżi, b'mod partikolari fil-qrati amministrattivi u sa ċertu punt fil-qrati tat-taxxa. Id-ditti jirrapportaw li l-ineffiċjenzi fis-sistema ġudizzjarja jippreżentaw wieħed mill-ostakli ewlenin għall-operazzjonijiet tagħhom¹⁶. Ser ikun importanti li l-Portugall ikompli jagħmel progress biex inaqqas l-akkumulu tal-kawżi pendenti, kif ukoll fid-durata tagħhom, kemm fil-qrati tal-prim'istanza kif ukoll tat-tieni istanza, u jiżgura d-disponibbiltà ta' riżorsi adegwati għas-sistema tal-ġustizzja.
- (25) L-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp żdied matul dawn l-aħħar snin iżda għadu insuffiċjenti biex is-sistema nazzjonali Portugiża tar-riċerka u l-innovazzjoni tilħaq il-medja tal-UE. Is-sehem tal-infiq fir-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward tal-PDG żdied għal 1,7 % fl-2024, appoġġat minn żieda fl-infiq privat, filwaqt li l-intensità pubblika tar-riċerka u l-iżvilupp baqgħet stabbli għal 0,6 %. L-awtoritajiet Portugiżi implimentaw firxa wiesgħa ta' programmi biex jappoġġaw ir-riċerka u l-innovazzjoni, li bosta minnhom mistennija jitlestew fl-2026. Filwaqt li mistennija benefiċċji fit-tul minn dawn il-programmi, inċentivi adegwati għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni jkunu meħtieġa lil hinn mill-perjodu ta' żmien tagħhom. Dan jista' jkun appoġġat mill-evalwazzjoni tal-politiki, l-immirar fuq setturi bl-ogħla potenzjal ta' tkabbir u ta' valur miżjud, u l-kunsiderazzjoni tal-ispeċifitajiet reġjonali. F'dan ir-rigward, il-politiki għandhom jippromwovu t-trasferimenti effettivi tat-teknoloġija u tal-għarfien bejn id-ditti u ċ-ċentri ta' riċerka u jsaħħu l-kapaċità tad-ditti Portugiżi għar-riċerka u l-innovazzjoni.

¹⁶ Studies on Business Statistics, Context Costs of Companies (IaCC), [National statistical institute](#).

- (26) Il-Portugall għadu jiddependi ħafna fuq il-fjuwils fossili importati. Dan jgħodq sfidi importanti għas-sigurtà tal-enerġija u jgħalli lill-Portugall vulnerabbli għal xokkijiet fil-prezzijiet. It-trasport huwa s-settur li jikkontribwixxi l-aktar għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Portugall, u jiddependi ħafna fuq iż-żejt importat, li ammonta għal 93 % tal-konsum finali totali tal-enerġija għat-trasport. Il-Portugall għandu sussidji sostanzjali għall-fjuwils fossili mingħajr ma għandu ppjanata l-eliminazzjoni gradwali qabel l-2030. B'mod partikolari, is-sussidji għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku b'mod immirat u li ma jirrispondux għat-tħassib dwar is-sigurtà tal-enerġija, ifixxlu l-elettrifikazzjoni u mhumex kruċjali għall-kompetittività industrijali, u jistgħu jitqiesu bħala prijorità għall-eliminazzjoni gradwali. Il-Portugall ma ħax azzjonijiet biex jelimina gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili bħat-tnaqqis fit-taxxa u l-eżenzjonijiet għad-diżil għall-kumpaniji tal-merkanzija u t-trasport pubbliku, li jipperpetwaw id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u jiddiżinċentivaw soluzzjonijiet tat-trasport aktar sostenibbli. Il-Portugall qed jagħmel progress fil-promozzjoni tal-mobilità elettrika u fid-dekarbonizzazzjoni tal-flotta tal-vetturi. Madankollu, il-miżuri ta' appoġġ għall-vetturi privati b'emissjonijiet żero, inklużi l-vetturi kummerċjali tat-trasport bit-triq, mhumex biżżejjed fil-mira. Il-progress fl-iżvilupp ulterjuri tan-network ferrovjarju għadu limitat. Għalkemm it-trasport pubbliku huwa ġeneralment affordabbli, id-disponibbiltà fiż-żoni metropolitani mhix biżżejjed u n-network barra miż-żoni urbani għadu sottożviluppat, b'aċċess limitat fiż-żoni rurali. Il-konnettività interreġjonali tkun teħtieġ tisħiħ sostanzjali fil-modi kollha ta' trasport pubbliku, b'mod partikolari l-ferroviji. Dan jista' jkollu rwol importanti wkoll fit-tnaqqis tal-pessjoni fuq il-prezzijiet tad-djar fiċ-ċentri urbani u fit-titjib tal-attraenza ta' territorji oħra.

- (27) Il-Portugall għandu waħda mill-aktar sistemi tal-elettriku dekarbonizzati fl-UE. Madankollu, il-proċeduri kumplessi, twal u mhux diġitalizzati biżżejjed għall-ħruġ ta' permessi jkomplu jnaqqsu r-ritmu, b'mod partikolari, tal-użu ta' kapaċità rinnovabbli ġdida fuq skala tal-grilja. L-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli mmexxija miċ-ċittadini għadu limitat ħafna wkoll. Is-sehem sinifikanti ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli jikkontribwixxi biex jiġu żgurati prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa affordabbli matul il-kunflitt li għaddej fil-Lvant Nofsani. Madankollu, il-flessibbiltà limitata mhux fossili u l-istrumenti skarsi għat-tneħħija tar-riskji jħallu lill-Portugall espost għall-ogħla livelli tal-prezzijiet tal-elettriku. Barra minn hekk, l-adozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija għadha limitata. L-inċentivi biex jiġu żviluppati aktar kuntratti fit-tul jgħinu biex is-suq isir aktar stabbli billi jiżguraw dħul fit-tul għall-iżviluppaturi. Il-limitazzjonijiet tal-kapaċità tal-grilja qed jaffettwaw dejjem aktar il-konnessjoni ta' proġetti rinnovabbli ġodda, b'akkumulu dejjem jikber ta' proġetti pendenti li qed jistennew konnessjoni u ammonti konsiderevoli ta' kapaċità allokata li għadhom mhumieq operazzjonali. Filwaqt li ttieħdu xi miżuri biex tiżdied il-kapaċità tal-grilja eżistenti, il-Portugall għandu jżid it-trasparenza dwar il-kapaċità disponibbli tal-grilja tad-distribuzzjoni biex jagħmilha aktar faċli għall-iżviluppaturi biex jippjanaw u jinvestu fi proġetti ġodda, flimkien ma' miżuri biex tittejjeb l-effiċjenza tal-grilja bħall-promozzjoni ta' proġetti ibridi, u biex jiskoraġġixxi l-applikazzjonijiet spekulattivi. L-indirizzar tal-ostakli fil-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi u aktar investment fil-grilji tal-elettriku, inkluża t-tlestija tal-interkonnessjoni transfruntiera ma' Spanja, il-promozzjoni tal-ħżin, ir-rispons min-naħa tad-domanda u soluzzjonijiet oħra ta' flessibbiltà, u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-grilja se jsaħħu r-reżiljenza, l-istabbiltà u s-sigurtà tan-network u jappoġġaw l-isforzi ta' elettrifikazzjoni.

- (28) Sehem kbir tal-popolazzjoni Portugiża hija esposta għall-faqar enerġetiku. Minkejja l-finanzjament konsiderevoli, inkluż mill-baġit tal-UE, l-iskemi tal-effiċjenza enerġetika fil-Portugall għadhom qed jiffaċċaw dewmien fl-implimentazzjoni minħabba tfassil kumpless u instabbli tal-programmi. Il-Portugall reċentement introduċa skema biex jimmobilizza l-finanzjament privat, għalkemm l-użu tagħha għadu mhux ċar. Sabiex titnaqqas id-dipendenza għolja fuq il-fjuwils fossili fil-bini u jitrażżan il-konsum tal-enerġija, il-Portugall għandu jħaffef l-isforzi fl-effiċjenza enerġetika billi jtejjeb it-tfassil tal-iskemi u tal-ippjanar bil-quddiem tas-sejħiet għall-finanzjament, isahha l-inċentivi għal rinnovazzjonijiet fil-fond, jippromwovi skemi ta' finanzjament biex jattira l-investiment privat, ineħħi l-ostakli regolatorji, b'mod partikolari għal bini b'abitazzjonijiet multipli u bini pubbliku, u jimmira aħjar l-appoġġ ibbażat fuq l-għotjiet lejn l-unitajiet domestiċi vulnerabbli li jesperjenzaw il-faqar enerġetiku.
- (29) Filwaqt li l-Portugall mhuwiex fost l-ogħla emittenti fl-UE, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-industrija mhuwiex qed jonqsu b'mod sostanzjali. L-industriji intensivi fl-enerġija, bħall-karta, il-minerali mhux metalliċi u s-settur tar-raffinar għadhom jammontaw għal aktar minn nofs id-domanda totali tal-enerġija industrijali. Oqfsa regolatorji kumplessi b'livelli ta' governanza li jikkoinċidu, proċessi twal għall-ħruġ ta' permessi, nuqqas ta' prevedibbiltà, u n-nuqqas ta' qafas regolatorju għall-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCUS) u infrastruttura relatata kollha jirrappreżentaw ostakli għad-dekarbonizzazzjoni ta' setturi diffiċli sabiex jitrażżnu. Minħabba li l-Portugall juża b'saħħa l-enerġija rinnovabbli u teknoloġiji oħra b'emissjonijiet żero netti, flimkien ma' sistema tal-elettriku dekarbonizzata ħafna, huwa jinsab f'pożizzjoni tajba biex isahha il-pożizzjoni tiegħu fil-katina tal-valur għall-manifattura ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u materjali sostenibbli u ċirkolari. Il-Portugall jista' jibbenefika minn appoġġ immirat aħjar lejn proċessi industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u l-manifattura u l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, l-appoġġ għal żieda fl-innovazzjonijiet u l-attrazzjoni ta' setturi strateġiċi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħas-settur tal-batteriji, tal-bijometan u tal-idroġenu rinnovabbli.

- (30) Il-Portugall għandu prestazzjoni ferm aktar baxxa fl-indikaturi tal-ekonomija ċirkolari u tal-immaniġġjar tal-iskart, kemm meta mqabbel mal-miri tal-UE kif ukoll mal-medja tal-UE. Il-Portugall għadu jiddependi ħafna fuq ir-rimi tal-iskart muniċipali f'landfills, u kważi żewġ terzi tas-siti tal-landfills qed joqorbu lejn il-kapaċità massima tagħhom; u jinsab friskju li ma jilħaqx il-mira tal-UE għall-2035, li r-rimi f'landfills jitnaqqas għal massimu ta' 10 %. Sar xi progress permezz ta' inizjattivi nazzjonali u reġjonali, inkluża l-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari fl-2026, għalkemm l-impatt tagħhom għad irid jidher. Il-Portugall għandu jkompli jimplimenta l-qafas strateġiku attwali u jista' jibbenefika mill-implimentazzjoni ta' aktar riformi, inkluż it-tisħiħ tal-użu ta' strumenti ekonomiċi, b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' mudell obbligatorju ta' "ħallas skont kemm tarmi" għall-iskart domestiku. Is-settur jeħtieġ investiment sinifikanti, b'mod partikolari fl-infrastruttura għall-ġbir u r-riċiklaġġ selettiv tal-iskart u fl-iżvilupp jew it-titjib tal-faċilitajiet tat-trattament tal-iskart sabiex jitnaqqas l-iskart tal-landfills u tal-inċineraturi; filwaqt li l-mobilizzazzjoni tal-appoġġ privat se tkun kruċjali biex jittejjeb l-immaniġġjar tal-iskart u titħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.
- (31) Il-Portugall qed jiffaċċa skarsezza tal-ilma, speċjalment fir-reġjuni tan-Nofsinhar, xprunata parzjalment minn infrastruttura inadegwata, tibdil fil-klima u domanda għolja. Barra minn hekk, għad hemm disparitajiet sinifikanti fil-prezzijiet tal-ilma fil-muniċipalitajiet kollha, li jwasslu għal incettivi differenzjali u kontroproduttivi għall-konsum. Il-Portugall qed jimplimenta strateġija nazzjonali dwar l-ilma, iżda għad fadal sfidi importanti. Is-simplifikazzjoni tal-governanza fis-settur tal-ilma tappoġġa wkoll il-koordinazzjoni effettiva bejn il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. Miżuri min-naħa tad-domanda, inkluża riforma fl-ipprezzar tal-ilma, jgħinu biex tittejjeb il-ġestjoni tal-ilma u jiġi żgurat il-kapital għat-twassil ta' aġġornamenti fl-infrastruttura, filwaqt li jinċentivaw il-konservazzjoni u l-effiċjenza u l-użu mill-ġdid tal-ilma. Huwa meħtieġ aktar investiment fil-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi, it-tnaqqis tat-tnixxijiet min-network u t-tisħiħ tal-monitoraġġ tal-kwantità u l-kwalità tal-ilma, inkluża l-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art. Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jikkontribwixxu wkoll għar-riabilitazzjoni tal-korpi tal-ilma u għar-restawr tal-kapaċità ta' żamma naturali tal-pajsaġġi, tal-artijiet mistagħdra u tax-xmajjar, inklużi l-pjanuri tal-għargħar.

- (32) Il-Portugall huwa partikolarment vulnerabbli għat-tibdil fil-klima u għal eventi relatati ta' temp estrem, bħal nixfiet intensi, għargħar, nirien fis-selvaġġ kif ukoll mewġiet ta' sħana. Il-frekwenza u s-severità dejjem akbar ta' dawn l-eventi jeħtieġu xogħol ta' rikostruzzjoni għali u r-riabilitazzjoni tal-infrastruttura affettwata, inkluża l-infrastruttura kritika. Ħafna setturi huma affettwati, speċjalment is-settur tal-enerġija, l-agrikoltura, il-provvista tal-ilma, il-forestrija, is-sajd u l-akkwakultura. Barra minn hekk, il-livelli attwali ta' protezzjoni kostali mhumix biżżejjed biex jipprevjenu żieda fid-dannu ekonomiku mill-għargħar u mill-erożjoni kostali. Għaldaqstant, il-Portugall jibbenefika minn finanzjament adegwat u prevedibbli għall-infrastruttura kritika reżistenti għall-klima, inklużi l-grilji tal-elettriku, il-ferroviji u l-provvista tal-ilma. Fid-dawl tan-nirien intensivi fis-selvaġġ, ir-riformi tal-politika dwar il-foresti għandhom jitħaffu u l-Portugall għandu jkompli jiffoka fuq l-iżvilupp ta' ktajjen ta' valur ekonomiku vijabbli għall-bijomassa tal-foresti, filwaqt li jieħu aktar vantaġġ mill-potenzjal tal-bioekonomija biex iżid il-kompetittività u s-sostenibbiltà. Ikun ta' benefiċċju għall-Portugall li jieħu approċċ strutturat għall-finanzjament tar-riskju ta' diżastri u li jippromwovi kopertura akbar tal-assigurazzjoni privata għad-danni relatati ma' diżastri naturali, peress li bħalissa l-Portugall għandu wieħed mill-aktar ishma baxxi ta' telf ekonomiku assigurat fl-UE.

- (33) Is-sistema tas-saħħa tal-Portugall għandha prestazzjoni komparattivament tajba f'termini ta' eżiti tas-saħħa, iżda għad hemm sfidi fl-iżgurar ta' aċċess ugwali għal kura tas-saħħa ta' kwalità, b'mod partikolari minħabba nuqqas persistenti ta' persunal li jimmina l-effiċjenza tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa (NHS). Il-Portugall introduċa riformi importanti u investa fl-infrastruttura tal-kura tas-saħħa f'dawn l-aħħar snin, inkluż permezz tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tiegħu. Madankollu, sfidi sinifikanti biex jimtlew il-postijiet vakanti u jinżammu l-professjonisti tal-kura tas-saħħa fl-NHS jikkontribwixxu għal ħinijiet ta' stennija twal persistenti u aċċess mhux uniformi għall-kura. Il-gruppi b'introjtu aktar baxx u vulnerabbli fl-aħħar mill-aħħar huma aktar affettwati min-nuqqasijiet tas-sistema peress li spiss ma jkunux jaffordjaw li jdur fuq l-għażliet privati biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa tagħhom. Għad hemm ukoll disparitajiet reġjonali fl-aċċess għall-kura tas-saħħa, b'restrizzjonijiet aktar b'saħħithom kemm f'żoni popolati ħafna (fejn id-domanda għas-servizzi hija ogħla) kif ukoll f'postijiet remoti li qed jiffaċċaw tnaqqis demografiku (fejn l-inċentivi mhumix biżżejjed biex jattiraw il-forza tax-xogħol meħtieġa). Aċċess limitat u ħinijiet twal ta' stennija qed jikkontribwixxu wkoll għall-proporzjon għoli ta' ħlasijiet mill-but biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa. Minkejja xi miżuri stabbiliti biex jindirizzaw in-nuqqas ta' persunal – u filwaqt li jiżguraw is-sostenibbiltà tal-NHS – it-titjib ulterjuri tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa jista' jgħin biex tiżdied l-attraenza tal-karrieri fl-NHS u tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema.

- (34) Il-Portugall huwa fost l-Istati Membri tal-UE li qed jiffaċċaw popolazzjoni li qed tixjieħ aktar malajr, li jimplika ħtiġijiet sinifikanti u li qed jikbru għall-kura fit-tul. Madankollu, l-investment pubbliku fil-kura fit-tul huwa ferm taħt il-medja tal-UE u l-ippjanar tal-għoti tal-kura fit-tul għadu jiffaċċa sfidi ta' koordinazzjoni. L-għoti tal-kura fit-tul huwa ċċentrat fuq il-kura residenzjali, filwaqt li soluzzjonijiet ibbażati fid-dar u fil-komunità jistgħu jikkontribwixxu għal titjib fil-kapaċità tan-nies li jgħixu b'mod indipendenti. Hemm ukoll disparitajiet reġjonali fl-aċċess għal kura fit-tul ta' kwalità fil-pajjiż kollu, b'żoni rurali partikolarment mhux moqdiya biżżejjed. L-azzjonijiet meħuda mill-Portugall s'issa (bħat-titjib fl-istatus tal-persuni li jindukraw b'mod informali u proġett pilota dwar is-servizzi ta' appoġġ fid-djar) kellhom effett limitat jew ibatu minn kopertura li kienet prevista b'mod limitat. L-appoġġ għal għażliet affordabbli bbażati fuq il-ħtiġijiet, inkluż billi tissaħħaħ il-kura fid-djar u bbażata fil-komunità, it-titjib fl-ippjanar u l-għeluq tal-lakuni reġjonali jistgħu jikkontribwixxu biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal kura fit-tul ta' kwalità.
- (35) Fid-dawl tar-rwol kruċjali tal-kapital uman fit-tisħiħ tal-kompetittività u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jindirizzaw b'mod urġenti l-isfidi strutturali relatati mal-kapital uman fil-qasam tal-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ, li jfixklu l-kompetittività. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2026 indirizzati lill-Portugall jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kapital uman fl-Unjoni.

- (36) Minkejja l-iżviluppi pożittivi fis-suq tax-xogħol f'dawn l-aħħar snin, il-Portugall qed jiffaċċa spariġġi persistenti fil-ħiliet. Dawn huma xprunati minn allinjament ħażin tal-edukazzjoni u tat-taħriġ mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, kif ukoll minn riżultati insuffiċjenti fit-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol disponibbli, minkejja l-miżuri meħuda fid-direzzjoni t-tajba, bħat-taħriġ fil-kompetenzi diġitali. B'riżultat ta' dan, hemm nuqqas ta' ħaddiema f'setturi ewlenin (bħall-ICT, il-kostruzzjoni, il-kura tas-saħħa u l-ġustizzja) u d-ditti jirrapportaw diffikultajiet biex isibu ħaddiema disponibbli bis-sett it-tajjeb ta' ħiliet. Politiki attivi tas-suq tax-xogħol aktar effettivi u mmirati tajjeb, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, jgħinu wkoll biex jitnaqqas l-ispariġġ fil-ħiliet u jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-suq tax-xogħol għal dan il-grupp. B'mod parallel, il-produttività u l-kompetittività tal-Portugall għadhom imrażżnin mil-livelli baxxi ta' ħiliet tal-popolazzjoni adulta. Il-parteciġazzjoni fit-tagħlim għall-adulti għadha relattivament baxxa, b'mod partikolari fir-regġuni ultraperiferiċi. L-użu ta' għodod ta' informazzjoni dwar il-ħiliet jista' jnaqqas l-ispariġġ billi jallinja aħjar l-edukazzjoni terzjarja, il-VET u l-offerta ta' tagħlim għall-adulti mal-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, iż-żieda fl-eżiti u fil-parteciġazzjoni fit-tagħlim għall-adulti tista' tgħin biex tagħti spinta lil-livelli tal-ħiliet fost is-segmenti tal-popolazzjoni fejn huma aktar baxxi, kif ukoll tipprovdi lill-forza tax-xogħol disponibbli bil-ħiliet meħtieġa minn ekonomija li qed tevolvi.

- (37) Il-Portugall għamel progress sinifikanti f'dawn l-aħħar deċennji biex jgħolli l-livelli tal-kisbiet edukattivi. Barra minn hekk, is-sehem ta' daww li jtilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ naqas b'mod kostanti u huwa konformi mal-mira tal-UE għall-2030, filwaqt li l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal għadha ferm ogħla mill-medja tal-UE. Madankollu, hemm xejra inkwetanti fil-kisba ta' ħiliet bażiċi fl-iskejjel. Bejn l-2018 u l-2022, is-sehem ta' studenti bi prestazzjoni baxxa fil-matematika, fil-qari u fix-xjenza żdied, filwaqt li s-sehem ta' daww bl-aqwa prestazzjoni naqas. Barra minn hekk, l-eżiti edukattivi għadhom mhux uniformi għall-istudenti minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati, li għandhom aktar ċans li jkollhom prestazzjoni baxxa (pereżempju, 47 % tal-istudenti fil-kwart soċjoekonomiku l-aktar baxx ma jilħqux livell suffiċjenti fil-matematika, meta mqabbla ma' 30 % b'mod ġenerali). L-istudenti bi sfond barrani għandhom ukoll eżiti tal-edukazzjoni aktar baxxi bħala medja, flimkien ma' rati ogħla ta' ripetizzjoni tas-sena u ta' tluq bikri mill-iskola, fi żmien meta l-ammont taġġhom żdied għal madwar 14 % tal-popolazzjoni tal-istudenti fl-edukazzjoni primarja u sekondarja tal-ewwel livell. B'mod parallel, in-nuqqas ta' għalliema jippersisti fis-sistema edukattiva u jirriskja li jkompli jaffettwa l-kwalità u l-inklużività tal-edukazzjoni. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet huwa kruċjali għall-appoġġ tal-iżvilupp tal-ħiliet, l-opportunitajiet indaqs u l-koeżjoni soċjali.

- (38) Il-Portugall irreġistra waħda mill-ogħla żidiet kumulattivi fil-prezzijiet nominali tad-djar matul l-aħħar 10 snin fl-UE, li aktar milli rdoppjat mill-2015 'l hawn. Il-pressjoni tal-affordabbiltà hija ħafna ogħla fiż-żoni kostali u urbani. L-iżbilanċi strutturali bejn il-provvista u d-domanda għadhom jeżistu. Il-Portugall għandu sehem komparattivament għoli ta' abitazzjonijiet li ma jintużawx bħala residenzi primarji, b'għadd sinifikanti ta' proprjetajiet vakanti u abbandunati. Il-bidla minn taxxi fuq it-tranżazzjonijiet għal tassazzjoni rikorrenti, inkluż permezz ta' aġġornament fil-valuri tat-taxxa fuq il-proprjetà, tista' tipprovdi inċentivi għas-sidien tad-djar biex iqiegħdu l-proprjetajiet li ma jintużawx biżżejjed fis-suq u jinċentivaw il-mobbiltà residenzjali. L-investment fl-akkomodazzjoni soċjali żdied b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar snin, appoġġat parzjalment mill-finanzjament tal-Unjoni. Madankollu, iċ-ċifri attwali tal-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali għadhom taħt il-medja tal-UE. Filwaqt li l-investment pubbliku jibqa' ċentrali, il-parteċipazzjoni mis-settur privat hija essenzjali biex tiżdied il-kostruzzjoni u tiġi ssodisfata d-domanda, inklużi soluzzjonijiet ipprovduti mit-tielet settur bħall-akkomodazzjoni kooperattiva. Iż-żieda fil-provvista ta' akkomodazzjoni affordabbli u soċjali teħtieġ li jitqiesu d-dimensjonijiet territorjali u l-prinċipji tal-inklużjoni u n-nonsegregazzjoni. Flimkien ma' żieda gradwali fil-provvista, l-allowances għall-akkomodazzjoni jistgħu jipprovdu għajjnuna temporanja lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, għalkemm l-iskemi eżistenti jibbenefikaw jekk ikunu aktar fil-mira. Fl-istess ħin, il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u forom oħra ta' esklużjoni mill-akkomodazzjoni qed ikomplu jikbru, b'differenzi reġjonali dwar kemm qed jiġu indirizzati b'mod effettiv. Il-Portugall ma jużax biżżejjed l-evalwazzjonijiet ex post regolari u l-immappjar tal-ħtiġijiet fil-politika tal-akkomodazzjoni tiegħu. Permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI), il-Portugall se jirċievi appoġġ biex jistabbilixxi mudell nazzjonali għall-governanza u l-ġestjoni tad-data dwar l-akkomodazzjoni, li għandu jgħin biex jissaħħu l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki attwali u futuri dwar l-akkomodazzjoni meta jiġu implimentati bis-siġh. Il-koordinazzjoni attwali bejn l-awtoritajiet ċentrali u lokali, kif ukoll il-koordinazzjoni fl-ippjanar tal-akkomodazzjoni, urban, spazjali u tat-trasport, għadha frammentata. Barra minn hekk, il-mekkaniżmi ta' investment u ta' finanzjament huma prinċipalment ad hoc.

- (39) Fid-dawl tar-rabtiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, fl-2026 il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, fosthom permezz tal-RRPs tagħhom, biex jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-2026 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro. Għall-Portugall, ir-rakkomandazzjoni (1) tgħin fl-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni u t-tielet rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (2) tgħin fl-implimentazzjoni tar-raba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (3) tgħin fl-implimentazzjoni tas-seba', id-disa' u l-ħdax-il rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro, ir-rakkomandazzjoni (4) tgħin fl-implimentazzjoni tat-tieni u s-seba' rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro u r-rakkomandazzjoni (5) u r-rakkomandazzjoni (6) jgħinu fl-implimentazzjoni tal-ħames rakkomandazzjoni dwar iż-żona tal-euro.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Portugall jieħu azzjoni fl-2026 u l-2027 biex:

1. Filwaqt li jirrikkonoxxi pożizzjoni baġitarji f'surplus jew viċin il-bilanċ fil-Portugall, jiżgura li n-nefqa netta tirrispetta r-rati massimi ta' tkabbir rakkomandati mill-Kunsill fil-21 ta' Jannar 2025 minħabba d-devjazzjoni rreġistrata sal-2025 u dik ipprojettata għall-2026 mill-Kummissjoni fir-rigward tal-limitu massimu tan-nefqa netta rakkomandat, filwaqt li jagħmel użu mill-flessibbiltà skont il-klawżola liberatorja nazzjonali attivata mill-Kunsill. Isahha l-infiq u l-prontezza ġenerali fid-difiża u s-sigurtà, filwaqt li jiżgura s-sostenibbiltà tad-dejn u l-effiċjenza fl-infiq, kif ukoll l-adattament gradwali tal-baġit biex isostni nfiq strutturalment oġġla fid-difiża. Jiżgura li l-miżuri li jittieħdu biex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu temporanji, immirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi vulnerabbli jew lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet tad-ditti intensivi fl-enerġija, jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija u jiżguraw li l-kost fiskali tagħhom ikun kompatibbli mal-impenji skont il-qafas fiskali tal-UE. Jieħu azzjoni biex jiżgura s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju tas-sistema tal-pensjonijiet u jippromwovi skemi ta' pensjonijiet supplimentari. Itejjeb l-effettività tas-sistema tat-taxxa, b'mod partikolari billi jissimplifika l-infiq tat-taxxa.
2. Jiżgura l-kontinwità tar-riformi u l-investimenti implimentati fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Jaċċellera l-isforzi biex jimplimenta l-programmi tal-politika ta' koeżjoni filwaqt li jibni, fejn xieraq, fuq ir-riallokazzjoni għal prioritajiet strateġiċi u flessibbiltajiet maqbula fil-kuntest tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-qafas tal-politika ta' koeżjoni.
3. Jissimplifika r-regolamentazzjoni, itejjeb l-implimentazzjoni tal-ġhodod regolatorji u l-koordinazzjoni fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika. Inaqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji, ineħħi l-ostakli għal-liċenzjar industrijali u ostakli oħra għall-kapaċità tagħhom li jespandu. Irawwem l-investment privat fil-kapital ta' riskju u fl-ekwità privata għan-negozji lokali u jkompli jtejjeb il-litteriżmu finanzjarju. Iżid ulterjorment l-effiċjenza tal-qrati amministrattivi u tat-taxxa, biex jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti. Isostni l-enfażi tal-politika ekonomika relatata mal-investment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni.

4. Jaċċellera d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, b'mod partikolari billi jelimina gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili u jsaħħaħ in-network tat-trasport pubbliku. Irawwem kuntratti fit-tul, iħaffef l-investment f'soluzzjonijiet ta' flessibilità u jipprovdi qafas regolatorju prevedibbli. Isaħħaħ il-kapaċità tal-grilja tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku, inkluż fl-interkonnessjonijiet transfruntieri tal-elettriku, u jtejjeb il-proċeduri ta' konnessjoni. Iħaffef ir-rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija billi jneħħi l-ostakli regolatorji u amministrattivi u billi jpoġġi fil-mira l-unitajiet domestiċi li jesperjenzaw faqar enerġetiku. Irawwem id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. Iżid il-kapaċità tal-ġestjoni tal-iskart, il-prevenzjoni, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid. Itejjeb il-ġestjoni tal-ilma u jissimplifika l-governanza tal-ilma. Itejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-ilma u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. Jindirizza r-riskji relatati mal-klima billi jsaħħaħ il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u tal-art, iħaffef il-verifika tar-reżistenza klimatika tal-infrastruttura kritika u jippromwovi kopertura akbar tal-assigurazzjoni privata kontra d-danni relatati mad-diżastri naturali.
5. Jiżgura aċċess ugwali għal kura tas-saħħa ta' kwalità, b'mod partikolari billi jindirizza n-nuqqas ta' persunal tal-kura tas-saħħa, filwaqt li jippreserva s-sostenibilità tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa. Jiżgura aċċess ugwali għal kura fit-tul ta' kwalità, inkluż billi jindirizza d-disparitajiet reġjonali u jsaħħaħ is-soluzzjonijiet għall-kura fid-djar u bbażati fil-komunità. Jindirizza l-ispariġġ fil-ħiliet u jtejjeb il-livelli ta' ħiliet, inkluż billi jippromwovi l-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti u billi l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim għall-adulti jsiru aktar rilevanti għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Jippromwovi eżiti edukattivi aħjar, b'mod partikolari għall-istudenti żvantaġġati.

6. Jindirizza l-affordabbiltà u d-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari billi johlq inċentivi biex l-istokk tal-akkomodazzjoni jintuża b'mod aktar effiċjenti, inkluż permezz ta' kalibrazzjoni mill-ġdid tat-taħlita tat-taxxa. Ikompli jespandi l-provvista tal-akkomodazzjoni, inkluż l-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali. Isaħħaħ il-koordinazzjoni u l-governanza tal-politika tal-akkomodazzjoni, flimkien ma' ppjanar integrat urban, spazjali u tat-trasport.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
